MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tas-7 ta' Jannar, 2004

Appell Kriminali Numru. 188/2003

Il-Pulizija
(Spettur Mario Tonna)
Vs
Ivan Giliberti
Massimo Giliberti

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-appellanti Ivan Giliberti u Massimo Giliberti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fit-12 t'April, 2002 ghall-habta tal-5.30 p.m. gewwa Triq Sir Luigi Preziosi, Pembroke :

1) hebbew ghal Louis Dimech u ghal Gaetana Dimech u kkagunawlhom griehi ta' natura hafifa skond ma ccertifika Dr. S. Camilleri MD tal-Gzira health Centre;
2) volontarjament kisru l-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku bl-ghajjat u bil-glied;

3) heddew bil-gebel jew bi hwejjeg ohra iebsin, jew waddbu jew qabdu armi ohra kontra Louis Dimech u Gaetana Dimech;
4) u aktar talli ghamlu hsara volontarja, fuq nuccali ghad-dannu ta’ Louis dimech, liema hsara tammonta ghal LM18.95c.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-8 t’Ottubru, 2003, li biha, wara li rat l-artikoli 221 (1), 338 dd, 339 (1)(b), 325 (c) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-imputati hatja tal-akkuzi kollha kif addebitati fil-konfront taghhom u kkundannathom piena karcerarja ta’ sitt gimghat kull wiehed b’mod komplessiv ghall-akkuzi kollha.

Rat ir-rikors tal-appellanti minnhomipprezentat fis-16 t’Ottubru, 2003, li bih talbu lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tilqa’ dan l-appell u tirrevoka, thassar u tannulla s-sentenza appellata w tillibera lill-esponenti minn kull imputazzjoni w piena skond il-ligi, u f’kaz ta’ ezitu sfavorevoli joghgobha timmodifika l-piena u timponi ohra minflokha li ma tkunx lesiva tal-liberta’ personali ta’ l-esponenti

Rat illi l-aggravji tal-appellanti fil-qosor huma s-segwenti w cioe’ :- 1. li fl-apprezzament tal-provi l-Ewwel Qorti nfluwenzat ruha bil-fedina penali tal-appellanti, u li s-sentenza appellata hi wahda ta’ hafna konvinzjoni emottiva w xejn rizultanzi processwali w li fiha ma jintqalx ghaliex ix-xhieda tal-appellanti ma gietx emmnuta jew ghaliex ma kellhiex mis-sewwa. L-ewwel Qorti ma mmotivatx l-apprezzament tal-provi li ghamlet u ma rrimarkat xejn dwar il-fatt li Louis Dimech xehed li l-appellanti sawwtu lilu biss filwaqt li martu Gaetana Dimech xehdet li sawwtu lilha ukoll. 2. Illi l-piena karcerarja nflitta mill-Ewwel Qorti kient wahda eccessiva w twarrbet l-alternattiva ta’ sentenza sospiza stante li kien hemm biss feriti ta’ natura hafifa . Li Massimo Ciliberti tqieghed taht probation recentement fil-waqt li dal-kaz jirrisali ghal zmien qabel u ghalhekk ma jistax jinghid li hu njora l-probation.

Fliet l-atti kollha prosesswali ;

Semghet il-provi mill-gdid fl-udjenza tat-13 ta' Novembru, 2003;

Rat il-verbal registrat fl-istess seduta li bih id-difiza ezentat lill-Prosekuzzjoni milli tipproduci bhala xhud lit-tabib Dr. Stefan Camilleri li ghamel l-affidaviuts esebiti, halli jixhed dwar il-feriti riportati mill-konjugi Dimerch.

Semghet it-trattazzjoni ;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti ;

Rat l-ordni taghha sabiex il-kawza tigi rikjamata ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum;

Ikkonsidrat ;

Illi l-ewwel aggravju jirrigwarda l-apprezzament tal-provi li ghamlet l-Ewwel Qorti . Di fatti l-Ewwel Qorti jidher li accettat bhala aktar veritjiera il-versjoni tax-xhieda Dimech minn dik tal-appellanti li cahdu kull involviment fl-incident imsemmi fic-citazzjoni.

**Louis Dimech** xehed li dak in-nhar tal-incident u cioe' fit-12 t' April, 2000, ghall-habta tal-5.30 pm go Triq Sir Luigi Preziosi, f' Pembroke, kienu hergin hu , martu , iz-zewgt itfal u t-tifel ta' bintu. Kienu l-ewwel nizlu l-ohrajn u kif hu kien niezel isfel, fit-tarag ra li kien hemm basket u gol-basket ra qiesu pocket tal-iskola . Hu kien qabad il-basket ghax kien hasbu tat-tifla z-zghira tieghu u hareg bih izda martu kienet qaltlu biex jaghmel il-basket fejn kien fit-tarag. Kif hu hareg barra, l-appellant Ivan Ciliberti li kien barra fit-triq hdejn huh l-appellant Massimo Ciliberti hdejn il-karozza, kien qallu "L-affarijiet li mhux tieghek tmisshomx." u beda jkellmu hazin. Hu kien qallu : "Sorry ghax hsibtu tat-tfal jien." Gew iz-zewg l-appellanti jigru fuqu . L-ewwel ma kien gie fuqu kien Massimo Ciliberti li tah daqqa ta' sieq. Gie umbaghad Ivan fuqu u tefghuh mall-art u kissrulu n-nuccali w bdew it-tnejn iwaddbu l-

gebel u kissrulu l-arlogg . Huma marru jirraportaw l-incident l-ghassa . B’dak li ghamlu l-appellanti kienu kisru l-garanzija li kellhom imposta fuqhom mill-Qorti . Kiemn hemm hafna kawzi ohra , xi tmin rapporti w dehru l-Qorti xi erba jew hames darbiet. Fil-fatt il-garanzija nkisret kemm il-darba . Ix-xhud qal li xi sena qabel kien sofra attakk tal-qalb. Ikkonferma li hu kien sofra l-feriti ta’ natura hafifa kif jidher mill-folios 14 u 15 tal-process. Ikkonferma ukoll li l-ispiza tan-nuccali kienet ta’ LM18.95c u li dan kien inkiser meta tar bid-daqqa li kien qala w kienu rifsuh u nkiser u a fol. 13 kien hemm bicca min-nuccali esebita. Inoltre kienu heddewh li ma jarax ix-xemx tal-ghada. Ghalkemm kien hu li kien gie aggredit mill-appellanti, martu kienet giet biex tqajjmu mill-art u lilha laqtugha fuq wiccha sa fejn jaf hu.

**Gaetana Dimech** xehdet li dak in-nhar l-ewwel kienet nizlet bintha z-zghira w umbaghad nizlet hi w rat basket b’ xi affarijiet tal-iskola go fih izda ma messitux ghax dak il-hin rat lill-appellanti barra w hasbet li seta’ kien taghhom. Nizel zewgha Louis Dimech u ratlu l-basket imsemmi f’idejh u ghamlitlu sinjal biex imur jaghmlu f’postu w hekk ghamel. L-appellanti qalu lil zewgha biex ma jmissx affarijiet li ma kienux tieghu u hu wegibhom “Sorry. Hsibtu tat-tifla.” u grew ghal fuqu minn fejn il-karozza taghhom fejn kienu. Qalbuh mall-art , tawh bis-sieq , kissrulu n-nuccali w l-arlogg tal-idejn. Hi marret biex tghin lil zewgha w tifridhom u Massimo ta daqqa lilha that ghajnejha wkoll . Hi w zewgha fi ftit hin irmexxilhom jaharbu lejn il-karozza taghhom u marru l-ghassa waqt li l-appellanti komplew jitfghu l-gebel izda ma laqtuhomx ghax huma dahlu fil-car taghhom u telqu. Hi kellha marka hamra taht ghajnejha kif jidher mic-certifikat mediku (fol. 15) rilaxxjat mit-tabib tal-clinic. Hi semghet kliem hazin u offizi bil-familja w hafna ghajjat , Ma semghetx theddid. In kontroezami x-xhud qalet li kien hemm diversi kawzi ohra bejnhom u l-appellanti. Hi ma taf xejn dwar li certa Fiona neputija taghha riedet tmur tghix minnflok il-familja tal-appellanti, kif gie suggerit lilha mid-difensur.. Xehdet ukoll li kien hemm kawzi ohra w anki garanziji mposti fuq l-appellanti izda ghalxejn. .

**L-appellant Ivan Ciliberti** xehed li dak in-nhar ma kien gara xejn u ma kien inqala ebda incident u li lanqas biss kien hemm.

**L-appellant Massimo Ciliberti** xehed li hu ma jghixx hemm ghax jghix f' Tas-Sliema ma nanntu w ma jafx li gara l-incident u dan kollu kien invenzjoni tax-xhieda Dimech.

Ikkonsidrat :

Issa hu principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor , din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti , izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha . Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-ewwl Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha , allura din tkun raguni valida , jekk mhux addirittura mpellenti , sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni (ara f'dan is-sens "inter alia" l-Appell Kriminali : "**Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et."** [12.5.94; "**ir-Republika ta' Malta vs. George Azzopardi** " [14.2.1989]; "**il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace"** [31.5.1991] ; **"Il-Pulizija vs. Anthony Zammit**" [31.5.1991] u ohrajn .)

Illi konfrontata b'din id-deskrizzjoni dettaljata w grafika ta' kif gara l-incident mill-konjugi Dimech , kif korroborati mic-certifikati medici guramentati b'affidavit (Fols.14,15,18 u 19) kif ukoll minn prova indizjarja bhal ma hi l-bicca tan-nuccali imkisser (fol. 13) , din il-Qorti tista' tifhem ghaliex l-Ewwel Qorti kienet daqshekk konvinta li din il-versjoni hija dik veritjiera w li dik ta' cahda kategorika tal-incident da

parti taz-zewg appellanti ma kienetx wahda affidabbli lanqas fuq bazi ta' probabbilita' .

Illi l-Ewwel Qorti mmotivat is-sentenza taghha billi qalet car u tond li l-"*imputati ma kienux kredibbli f'dak li qalu u cioe' meta cahdu li l-incident sehh jew li kellmu lill-konjugi Dimech"* li *"m'ghandix dubju li l-imputati ikkagunaw il-feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna kif jiddeskrivi Dottor Stefan Camilleri fl-affidavit tieghu*." Qalet ukoll li : *"ma hemmx dubju li l-konjugi Camilleri kienu konsistenti f' dak li qalu u cioe' li l-imputati hebbew ghalihom , kissru n-nuccali ta' Louis Dimech u b'hekk ikkagunaw hsara volontarja ghad-detriment tieghu fl-ammont ta' LM18.95c"* . Illi fil-fehma ta' din il-Qorti dawn kienu motivazzjonijiet bizzejjed li fuqhom l-Ewwel Qorti setghet tasal ghall-konkluzzjoni dwar il-htija tal-appellanti li waslet ghaliha. Din il-Qorti , ukoll wara li apprezzat il-provi li ingiebu quddiemha hija tal-istess fehma u ma ghandha ebda ezitazzjoni ghal biex taccetta bhala pjenament kredibbli l-versjoni tal-konjugi Dimech u mhux attendibbli l-versjoni taz-zewg appellanti .Illi ghalhekk mill-provi li rrizultaw quddiem din il-Qorti , temergi pjenament il-htija tal-appellanti ghalkemm michuda minnhom kategorikament .

Illi kif gie ritenut minn din il-Qorti fis-sentenza Taghha fl-appell Kriminali "**Il-Pulizija vs. Emmanuel Attard**" [3.4.2003]i ghalkemm jista' jkun hemm "*certu konflitt fil-provi , dan ma jfissirx li dan ghandu bil-fors johloq dubju dettat mir-raguni li necessarjament ghandu jwassal ghall-liberazzjoni . Kif issottometta l-abbli Prosekutur, f'kull kaz ix-xiehda ta' xhud wiehed biss jekk emmnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt hija bizzejjed biex taghmel prova shiha w kompluta minn kollox daqs kemm kieku l-fatt ikun gie pruvat minn zewg xhieda jew aktar (Art. 638 (2) tal-Kap.9) . U kwistjoni dwar il-kredibilita' ta' xhud tithalla fid-diskrezzjoni ta' min ghandu jiggudika l-fatti , billi jittiehed qies tal-imgieba , kondotta, karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xiehda ghandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti , u ta' fattizzi ohra tax-xiehda tieghu , u jekk ix-xiehda hix imsahha minn xhieda ohra w tac-cirkostanzi kollha tal-kaz."*

Illi f'dal-kaz din il-Qorti kellha okkazzjoni tisma' w tara x-xiehda jiddeponu w tara l-komportament taghhom fuq il-pedana tax-xhieda w tista' tifhem ghala l-Ewwel Qorti aktar tat affidament lil versjoni ta' l-konjugi Dimech milli lil dik tal-appellanti . Fl-istat tal-provi , din il-Qorti ma thossx li ghandha raguni ghala tiddisturba d-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti fl-apprezzament tal-fatti li hi ghamlet meta emmnet lil konjugi Dimech u ma emmnitx lill-appellanti.

Ghalhekk l-ewwel aggravju tal-appellanti dwar id-dikjarazzjoini ta' htija qed jigi respint.

Illi ghar-rigward tat-tieni aggravju dwar il-piena, il-principju regolatur hu li mhux normali li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dak li tkun fil-fatt. (Ara. **Ir-Repubblika ta' Malta vs. David Vella"** [14.6.1999] , "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina**" [24.4.2003] u ohrajn.)

Din il-Qorti ezaminat bir-reqqa il-fedina penali aggornata taz-zewg appellanti u minnha hargu is-segwenti :-

L-appellant Ivan Ciliberti li llum ghandu 28 sena, nstab hati ta' diversi reati bi tmin sentenzi u dawn ir-reati jvarjaw minn attakk u resistenza fuq il-membri tal-Korp tal-Pulizija , theddid b'armi (mus) , rapport falz, garr ta' mus minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, kliem fahxi u dagha, theddid u ingurji, sewqan bla licenzja w insurance, reat kontinwat ta' serq bl-uzu ta' vjolenza w theddid, kaz ta' hebb fuq l-istess martu , ingurji lil Gaetana Dimech , ingurji u theddid kontra persuna ohra u kontra l-Pulizija sahansitra fl-ghassa tal-Pulizija w hebb u griehi ta' natura hafifa fuq persuna ohra ta' sess femminili . Illi l-Qrati urew certa tolleranza mieghu sal-lum u ghal dawn l-offizi hu dejjem jew gie kundannat ghal diversi pieni pekunjarji jew inghata l-beneficcju tal-conditional discharge jew addirittura giet moghti ammonizzjoni u reprensjoni. Gie ukoll sottopost ghal garanziji tlitt darbiet.

L-appellant Massimo Ciliberti li ghandu 23 sena instab hati mill-Qrati diversi drabi ta' reati li jvarjaw minn ingurji u theddid ta' Gaetana Dimech, nuqqas li jobdi l-ordnijiet legittimi tal-Pulizija, hebb ghall-persuna, ingurja persuna ohra, ingurji w theddid lill-diversi membri tal-Korp tal-Pulizija , daghha fl-ghassa, ksur tal-mistrieh tan-nies, hebb fuq persuna ta' sess femminili w feriti ta' natura hafifa fuq l-istess u garr ta' strument jaqta' w bil-ponta minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija. Hu jew gie kundannat ghall-piena pekunjarja jew moghti liberazzjoni kondizzjonata w anki darba gie sottopost ghall-garanzija.

Inoltre dan l-appellant, anki wara l-kommissjoni tar-reati mertu ta' din il-kawza, rega kkommetta w instab hati ta' diversi reati li jinkludu ngurji, theddid u offizi , attakk u rezistenza f'zewg okkazzjonijiet diversi fuq spettur, Surgenti w diversi kuntistabbli , li holoq tracci ta' reat meta kien jaf li dan ma sarx u ddenunzja lil Pulizija reat li kien jaf li ma sarx , li dagha fil-pubbliku, li ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-Pulizija , kif ukoll li kkaguna danni nvolontarji fuq proprjeta' ta' membru tal-Korp tal-Pulizija.

Illi din il-Qorti hasbet fit-tul dwar il-piena karcerarja li giet inflitta fuq iz-zewg appellanti mill-Ewwel Qorti. Din indubbjament taqa' entro il-parametri legali . Di fatti ghall-ewwel u r-raba imputazzjoni biss l-appellanti setghu jigu kundannati ghall-piena massima ta' seba' xhur u nofs prigunerija kull wiehed bl-applikazzjoni tal-artikolu 17 (b) tal-Kodici Kriminali . Ghalhekk il-piena nflitta mill-Ewwel Qorti zgur li ma hix wahda li tohrog barra mill-parametri legali w lanqas wahda eccessiva.

Jidher ukoll li l-appellanti kienu nghataw diga diversi opportunitajiet mill-Qrati biex ma jkomplux jiksru difrejhom mall-ligi , izda xorta wahda baqghu ghaddejjin bil-hajja refrattarja taghhom . Inoltre , bil-mod kif xehdu quddiem din il-Qorti, ma tantx jispiraw fiducja li tghallmu xi lezzjoni .

Illi din il-Qorti , meta tqis in-numru ta' drabi meta f' diversi sentenzi Qrati ohra zammew lura milli jimponu piena karcerarja fuq iz-zewg appellanti w jew applikaw il-

provvediment tal-liberta’ kondizzjonata jew pieni pekunjarji , bhall-Ewwel Qorti taqbel li wasal iz-zmien li tigi applikata piena restrittiva tal-liberta’ fil-konfront taz-zewg appellanti li wrew bic-car li pieni jew provvedimenti ohra ma tantx ihallu effett fuqhom .

Illi din il-Qorti kkonsidrat ukoll is-sottomissjoni tad-difiza li f’dan il-kaz ghandha tigi applikata s-sentenza ta’ prigunerija sospiza , izda dan legalment mhux possibbli skond l-artikolu 28A (7) ( c ) tal-Kap.9 u dana ghaliex – kif jirrizulta mill-fedini penali taghhom - huma kkommettew r-reati li taghhom instabu hatja fil-periodu ta’ liberazzjoni taht kondizzjoni skond l-Att dwar il-Probation tal-Hatjin . Di fatti huma ikkommettew dawn ir-reati fit-12 t’ April, 2002 , meta , fit-30 t’ Ottubru, 2000 kienu t-tnejn gew liberati minn din il-Qorti diversament preseduta bil-kondizzjoni li ma jikkommettux reat iehor fi zmien tmintax il-xahar minn dik id-data.

Ghalhekk anki l-aggravju dwar il-piena nflitta mill-Ewwel Qorti qed jigi respint.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tichad l-appell taz-zewg appellanti w tikkonferma is-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------